

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2246**tat-30 ta' Novembru 2017****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, hemm bżonn li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha b'mod parzjali jew bis-sħiħ, jew li żżid kwalunkwe sottodivizjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2017.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Stephen QUEST
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Pjanċi tal-aluminju mhux esposti (l-hekk imsejħa “pjanċi termali pożittivi li huma sensitivi għad-djodu tal-lejżer”), b’forma rettangolari, b’ġenb wieħed itwal minn 255 mm, miksija fuq naħa waħda b’emulsjoni (li essenzjalment tikkonsisti f’żewġ li ddub fl-alkali, f’kolorant IR (infraaħmar) wieħed jew aktar (konvertitur fototermali) u f’suppressur tas-solubilità (kolorant)) li huma sensitivi għad-djodi tal-lejżer infraaħmar b’tul ta’ mewġa ta’ 830 nm.</p> <p>Huma intenzjonati biex jintużaw ma’ tagħmir CTP (teknoloġija Kompjuter To Plate) għall-istampar ta’ daqs medju sa kbir. Sabiex iservu aktar, il-pjanċi jgħaddu minn dak li nsejħulu proċess “tal-ħami” biex l-istampa tibbies ladarba tkun ġiet żviluppata.</p>	3701 30 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 tal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-nota 2 tal-Kapitolu 37 u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 3701 u 3701 30 00.</p> <p>Il-prodott għandu l-karatteristiċi oġġettivi ta’ pjanċa fotografika mhux esposta, koperta b’materjal fotosensittiv.</p> <p>In-nota 2 tal-Kapitolu 37 tiddefinixxi l-kelma “fotografiku” bħala relatata mal-proċess li bih jiffurmaw xbihat viżibbli, direttament jew indirettament, bl-azzjoni ta’ dawl jew forom oħrajn ta’ radjazzjoni fuq uċuħ fotosensittivi.</p> <p>Il-pjanċi fotografiki tal-Kapitolu 37 huma daww b’saff wieħed jew aktar ta’ kwalunkwe emulsjoni sensitiva għad-dawl jew forom oħra ta’ radjazzjoni li jkollhom enerġija suffiċjenti biex jikkawżaw ir-reazzjoni meħtieġa f’materjali sensitivi għall-fotoni (jew fotosensittivi), jiġifieri r-radjazzjoni b’tul ta’ mewġa mhux itwal minn madwar 1 300 nm fl-ispettru elettromanjetiku (inklużi r-raġġi gamma, radjazzjoni ultravjola u kważi infraaħmar) kif ukoll radjazzjoni bil-partikuli (jew nukleari), kemm jekk għal riproduzzjoni monokrom jew inkella tal-kulur (ara wkoll in-Noti ta’ Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) tal-Kapitolu 37). It-tul ta’ mewġa tas-sensittività għar-radjazzjoni tas-saff sensitizzat ta’ dawn il-pjanċi (830 nm) taqa’ fil-medda ta’ tul ta’ mewġa aċċettat fl-intestatura 3701.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt il-kodiċi NM 8442 50 00 bħala pjanċi tal-istampar hija għaldaqstant eskluża minħabba li pjanċi sensitizzati tal-intestatura 3701 huma esklużi mill-intestatura 8442 (ara wkoll il-HSEN tal-intestatura 8442, il-punt (B) u l-Opinjoni tal-Klassifikazzjoni HS 3701.30/1 tal-2015).</p> <p>Għalhekk il-pjanċi għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM 3701 30 00 bħala pjanċi fotografiki oħra, b’xi ġenb aktar minn 255 mm.</p>